MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 262/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zarb talli nhar-it 23 ta' Dicembru 2007 ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghodu fi Pjazza San Nikola, Siggiewi, ippermetta lil ibnu Dylan Zarb isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAR-061 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Joseph Zarb jigi skwalifkat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Settembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zarb hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ elfejn u tliet mitt euro (€2300) pagabbli b’rati mensili u konsekutivi ta’ hamsa u tletin euro (€35) u f’kaz li joqnos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs [*recte:* prigunerija] ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut. Inoltre ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ta’ l-imsemmi Joseph Zarb ghal perijodu ta’ sena mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Zarbipprezentat fit-23 ta’ Settembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ l-appellant u ta’ Dylan Zarb;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Din il-Qorti semghet mill-gdid lill-appellant u anke awtorizzat lil Dylan Zarb jixhed. Inoltre ezaminat l-affidavit ta’ P.S. 545 G. Micallef.

Mill-provi jirrizulta li fit-23 ta’ Dicembru 2007 ghall-habta ta’ l-10.00 a.m. kien hemm kollizjoni fi Pjazza San Nikola, Siggiewi fejn Dylan Zarb kien qieghed isuq il-karozza DAR-061 ta’ missieru, l-appellant, u habat ma’ karozza pparkjata. P.S. Micallef ikkuntattja lill-appellant li qallu li kien ibnu li kien qieghed isuq il-karozza dakinhar, li “ma setax iwassal lil ibnu u b’hekk qallu biex jiehu l-karozza. Hu qalli wkoll li kienet azzjoni ta’ zghozija li kulhadd jghaddi minnha.”

L-appellant ikkonferma dak id-diskors izda spjega li dan ghamlu peress illi haseb illi b'daqshekk se jnaqqas il-htija minn ibnu. Xehed li effettivament hu kien barra, xoghol, u li fil-fatt ibnu qabad u ha l-karozza minghajr ma saqsieh.

Dylan Zarb ikkonferma bil-gurament li kien hu li qabad u ha l-karozza ta' missieru minghajr ma saqsieh. Qal li la missieru u l-anqas ommu ma' kienu d-dar dak il-hin.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju peress illi, apparti dak li xehdu hu u ibnu, mid-diskors rapportat minn P.S. Micallef jidher li hemm kontrosens bejn li minn banda l-appellant jghid li kien hu li qallu biex jiehu l-karozza u mill-banda l-ohra jghid li kienet "azzjoni ta' zghozija". Fil-fatt azzjoni taz-zghozija f'dan il-kaz tekwivali ghac-cirkostanza li Dylan Zarb jaqbad u jiehu l-karozza <u>minghajr ma jghid lil hadd</u> u mhux wara li jkun qallu missieru biex jehodha. Jigifieri l-appellant jista' jitwemmen li, meta kellem lis-Surgent, minn banda kien qieghed jipprova jnaqqas il-htija minn fuq ibnu u mill-banda l-ohra kien qieghed jaghti r-raguni (l-azzjoni taz-zghozija) ghaliex ibnu kien ghamel dak li ghamel.

Peress illi ghalhekk ma jistax jinghad illi jirrizulta minghajr dubju ragjonevoli li kien l-appellant li halla jew ippermetta lil ibnu Dylan Zarb jaghmel uzu mill-karozza imsemmija, l-appell sejjer jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------